MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-3 ta' Awwissu, 2012

Numru. 799/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**Adalberto Goncalves Amorim ta' 37 sena, iben Camilo u Aurelina nee` Ribeiro Concalves imwieled gewwa l-Brazil, nhar l-1 ta' Awissu 1975, residenti gewwa 265, Flat 3A Triq Tas-Sliema, Kappara, San Gwann, detentur tal-passaport braziljan numru CZ717613.**

**Luciano Cesar Leite ta' 28 sena, iben Joao u Lucia R. Gregorio imwieled gewwa l-Brazil, nhar il-25 ta' Marzu 1984 residenti gewwa 34, St. Mary Flats, Flat 12, Triq Andrew Cunningham, Qawra detentur ta' passaport Braziljan numru CX895152**

**Lillian Ronsoni Mendes ta' 33 sena, bint Luiz Acosta Mendes u Dilma nee` Ronsoni Mendes, imwieled gewwa l-Brazil, nhar it-13 ta' Lulju 1979, residenti**

**gewwa 265, Flat 3A Triq Tas-Sliema, Kappara, San Gwann detentrici tal-passport Braziljan numru CZ258129**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputati li gew akkuzati talli nhar it-2 ta' Awissu 2012 ghall-habta ta' 05:30am gewwa San Giljan:

1. Ingurjaw, jew heddew, jew ghamlu offiza fuq il-persuna ta' persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghuhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

2. U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi attakkaw jew ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx bhala vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita kompetenti.

3. U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema l-ammont tal-hsara ma jiskorrix it-tlieta u ghoxrin Ewro u disgha u ghoxrin centemzu (23.29) ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta.

4. U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi ma obdewx l-ordnijiet legittimi tal-awtorita jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku.

5. U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, kienu jinsabu fis-sakra b'mod li ma kienx jistghu jiehdu hsieb taghhom infushom.

Adalberto Goncalves Amorim wahdu gie akkuzat talli nhar it-02 ta' Awissu 2012 ghall-habta ta' 12.00pm u fil-granet u fix-xhur ta' qabel, gewwa 265, Flat A, Triq Tas-Sliema, Kappara, San Giljan u f'dawn il-Gzejjer:

6. Zamm jew kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond jew fid-dintorni tieghu xi arma tan-nar, jew munizzjoni elenkati fl-Iskeda II tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta minghajr ma kellu licenza taht l-istess Att.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunses tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputati liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputati inghataw zmien xieraq sabiex jirrikonsidraw l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputati l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputati hatja tal-akkuza migjuba fil-konfront taghhom.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputati u l-fedina penali nadifa taghhom. Illi l-Qorti ma tistax ma tosservax l-isfond li fih sehh dana l-incident fejn l-imputati sfaw aggrediti minn terzi, security guards fi stabbiliment ta' divertiment f'Paceville fejn kienu huma li sejhu ghall-assistenza tal-pulizija. Fil-fatt l-imputati sofrew ukoll griehi gravi minhabba fl-aggressjoni. L-imputati ghalhekk fit-taqtigha u filwaqt ta' l-aggressjoni kienu qed

jippruvaw jiddefendu duhhom u spiccaw biex aggredew lill-pulizija intortament. Ghaldaqstant il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz meta tigi biex tikkonsidra l-peina.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 95, 96, 325(1)(d), 338(ee)(ff) u 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u fil-konfront tal-imputat Adalberto Goncalves Amorim l-artikolu 5(1) u 51(2) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligjiet ta' Malta qed tillibera lill-imputati bil-kondizzjoni li ma jikkommettux reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum u tikkundanna wkoll lill-imputat Adalberto Concalves Amorim ghall-hlas ta' multa ta' sitt mija u tmienja u disghin euro u wiehed u disghin centezmu (€698.91) fi zmien gimgha mil-lum

Il-Qorti qed twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huma jikkommettu reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberta taht kondizzjoni

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------